

Brussell, 2 ta' Settembru 2014
(OR. en)

12734/14

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0241 (NLE)

EEE 59
BUDGET 17
MI 603

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Awwissu 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 523 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-Linji Baġitarji 02.03.01 u 12.02.01)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2014) 523 final.

Mehmuż: COM(2014) 523 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 523 final

2014/0241 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-
Linji Baġitarji 02.03.01 u 12.02.01)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE tal-EFTA fl-azzjonijiet jew fil-programmi tal-UE li jkunu rilevanti għaż-ŻEE.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet sabiex tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim taż-ŻEE sabiex tkun tinkludi l-kooperazzjoni fl-azzjonijiet ifffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward ta' "L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali" u "L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern".

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar dawn id-Deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE biex il-Kunsill jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentaha fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha sservi wkoll bħala l-ftehim tal-Partijiet, skont l-Artikolu 1(8) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim taż-ŻEE, li jkompli bil-kooperazzjoni lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2013 anki jekk tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE annessa ma' din id-Deċiżjoni jew jekk kwalunkwe rekwiżit kostituzzjonali li jista' jkun hemm għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jiġi nnotifikat bħala ssodisfat wara l-10 ta' Lulju 2014.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-
Linji Baġitarji 02.03.01 u 12.02.01)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE ("il-Protokoll 31").
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim taż-ŻEE tkompli fl-ażżjonijiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-"Operat u l-iżvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifikazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali" u l-"implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern".
- (5) Huwa xieraq, li skont l-Artikolu 1(8) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim, li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet tkompli wara l-31 ta' Diċembru 2013 anki jekk tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE annessa ma' din id-Deċiżjoni jew jekk ir-rekwiżiti kostituzzjonali li jista' jkun hemm għal din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, jiġu nnotifikati bħala ssodisfati wara l-10 ta' Lulju 2014.
- (6) L-entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati jipparteċipaw fl-attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

anness ma' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tidħol fis-seħħ qabel ma tintemm l-azzjoni konċernata.

- (7) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan sabiex jippermetti li l-estensjoni ta' din il-kooperazzjoni tkompli anke wara l-31 ta' Diċembru 2013.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta fil-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President